TRADUZZJONI

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa relatati maż-żamma ta' impenji dwar il-kummerċ fis-servizzi inklużi fil-Ftehim attwali ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Russja

1. *Ittra mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa*

Ġinevra, 16 ta' Diċembru 2011

Għeżiż Sinjuri,

Wara negozjati bejn il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-kummerċ fis-servizzi, il-Partijiet waslu għall-ftehim kif ġej:

I. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 51 tal-Ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Federazzjoni Russa, minn naħa waħda, u il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-oħra, tal-24 ta' Ġunju 1994 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "FSK"), wara l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mal-Organizzazzjoni Dinija tal-Kummerċ (WTO), l-Artikolu 35 u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 39, flimkien mal-Artikolu 30(h), tal-FSK se jkomplu japplikaw bejn il-Partijiet.

II. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 51 tal-FSK, wara l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mad-WTO, il-Partijiet għandhom jestendu l-benefiċċji tal-impenji tagħhom tal-GATS dwar trasferimenti intraazjendali ta' persuni li jiġu ttrasferiti għal preżenzi kummerċjali (kif definit f'dan il-paragrafu) minbarra uffiċċji rappreżentattivi fit-territorji rispettivi tagħhom lil kwalunkwe persuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 32 tal-FSK. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, il-kliem "organizzazzjonijiet" użat fl-Artikolu 32 tal-FSK għandu jitqies li jkopri preżenza kummerċjali kif definit fl-Iskedi rispettivi tal-GATS tal-Partijiet.

III.1. Persuni ġuridiċi Russi trasferiti intraazjendalment lejn l-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom fl-Unjoni Ewropea għandhom jingħataw trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti mill-Unjoni Ewropea fi trasferimenti intraazjendali simili ta' kwalunkwe persuna ġuridika ta' pajjiż terz.

III.2. Trattament mogħti skont ftehimiet oħra barra l-FSK konklużi mill-Unjoni Ewropea ma' Stat terz li huma notifikati taħt l-Artikolu V tal-GATS jew li jibbenefikaw mill-kopertura tal-Lista tal-Unjoni Ewropea GATS tal-eżenzjonijiet tal-MFN għandhom ikunu eskluż mill-applikazzjoni tal-paragrafu III. 1. Trattament li ġej mill-armonizzazzjoni ta' regolamenti bbażati fuq ftehimiet konklużi mill-Unjoni Ewropea għar-rikonoxximent reċiproku skont l-Artikolu VII tal-GATS, għandu wkoll jiġi eskluż mill-applikazzjoni tal-paragrafu III.1.

III.3. Trattament mogħti mill-Federazzjoni Russa għal persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea trasferiti intraazjendalment li jiġu trasferiti għall-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom fil-Federazzjoni Russa ma għandux ikun anqas favorevoli minn dak simili għal persuni trasferiti intraazjendalment mill-Unjoni Ewropea skont dan il-paragrafu. Il-Federazzjoni Russa tista' madankollu tillimita n-numru ta' tali persuni trasferiti intraazjendalment għal massimu ta' ħamsa għal kull uffiċċju rappreżentattiv (tnejn għall-banek).

IV.1. Għall-għanijiet tal-paragrafu IV:

(a) "Konsumatur finali" ta' Parti hija persuna ġuridika, stabbilita skont il-leġiżlazzjoni ta' din il-parti fit-territorju tiegħu.

(b) "Persuna naturali" huwa ċittadin ta' Parti (fil-każ tal-Unjoni Ewropea, ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha) li jirrisjedi fit-territorju ta' din il-Parti, li temporanjament jidħol fil-Parti l-oħra bħala impjegat tal-fornitur ta' servizz kuntrattwali bil-għan ta' provvista ta' servizzi, kif previst mill-kuntratt li jipprovdi servizzi.

(c) "Fornitur kuntrattwali" ta' servizz huwa persuna ġuridika ta' Parti waħda stabbilita skont il-leġiżlazzjoni ta' din il-Parti fit-territorju tagħha li ma għandha l-ebda preżenza kummerċjali fil-forma sussidjarja, ta' kumpanija dipendenti jew ta' fergħa, kostitwiti fit-territorju tal-Parti l-oħra u li tkun ikkonkludiet kuntratt biex tipprovdi servizzi ma' konsumatur finali fil-Parti ta' dan tal-aħħar li teħtieġ il-preżenza fuq bażi temporanja ta' persuni naturali f'dik il-Parti sabiex tissodisfa l-kuntratt biex tipprovdi s-servizzi.

IV.2. It-trattament konċess mill-Unjoni Ewropea lil fornituri kuntrattwali ta' servizzi fil-Federazzjoni Russa ma għandux ikun inqas favorevoli minn dak mogħti lil fornituri kuntrattwali ta' servizzi ta' kwalunkwe pajjiż terz.

IV.3. Trattament mogħti skont ftehimiet oħra konklużi mill-Unjoni Ewropea ma' Stat terz li huma notifikati skont l-Artikolu V tal-GATS jew li jibbenefikaw mill-kopertura tal-Lista tal-Unjoni Ewropea GATS tal-eżenzjonijiet tal-MFN għandhom ikunu esklużi minn din id-dispożizzjoni. Trattament li ġej mill-armonizzazzjoni ta' regolamenti bbażati fuq ftehimiet konklużi mill-Unjoni Ewropea għar-rikonoxximent reċiproku skont l-Artikolu VII tal-GATS għandu wkoll jiġi eskluż mill-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

IV.4. Il-Federazzjoni Russa għandha tippermetti l-provvista ta' servizzi fit-territorju tagħha minn fornituri kuntrattwali ta' servizz tal-Unjoni Ewropea permezz tal-preżenza ta' persuni naturali soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi:

(i) ġie konkluż direttament bejn il-fornitur kuntrattwali ta' servizz u l-konsumatur finali;

(ii) jeħtieġ il-preżenza temporanja fi ħdan it-territorju tal-Federazzjoni Russa ta' persuni naturali tal-Unjoni Ewropea biex ikun pprovdut is-servizz u

(iii) huwa konformi mal-liġijiet, ir-regolamenti u r-rekwiżiti tal-Federazzjoni Russa.

(b) Id-dħul u ż-żjara temporanja ta' persuni naturali fil-Federazzjoni Russa skont is-sodisfar ta' dan il-kuntratt għandu jkun għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur suċċessivi fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar jew sakemm idum il-kuntratt, liema perjodu minnhom ikun l-inqas.

(c) Il-persuni naturali li jidħlu fil-Federazzjoni Russa għandu jkollhom:

(i) grad universitarju jew kwalifika teknika ekwivalenti li turi għarfien ta' livell ekwivalenti; u

(ii) kwalifiki professjonali fejn dan huwa meħtieġ biex tkun eżerċitata attività fis-settur ikkonċernat skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-ħtiġijiet tal-Federazzjoni Russa.

(d) Il-persuna naturali ma għandhiex tirċievi remunerazzjoni għall-provvista ta' servizzi għajr ir-remunerazzjoni mħallsa mill-fornitur kuntrattwali tas-servizzi matul iż-żjara tagħha fil-Federazzjoni Russa.

(e) Il-persuni naturali li jidħlu fil-Federazzjoni Russa għandhom ikunu ġew impjegati mill-fornitur kuntrattwali tas-servizzi għal mill-anqas sena qabel id-data meta tkun tressqet l-applikazzjoni għad-dħul fil-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, il-persuna naturali, fid-data meta tkun tressqet l-applikazzjoni għad-dħul fil-Federazzjoni Russa, għandu jkollha mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li hija s-suġġett tal-kuntratt.

(f) Il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi għandu jinkiseb f'wieħed minn dawn is-setturi ta' attività li huma inklużi u definiti fl-iskeda ta' impenji tal-GATS tal-Federazzjoni Russa:

1. Servizzi legali;

2. Servizzi tal-kontabbiltà u taż-żamma tal-kotba;

3. Servizzi tat-tassazzjoni;

4. Servizzi tal-arkitettura;

5. Servizzi tal-inġinerija;

6. Servizzi tal-Inġinerija integrata;

7. Servizzi tal-ippjanar urban u tal-arkitettura tal-pajsaġġ;

8. Is-servizzi tal-informatika u servizzi relatati;

9. Servizzi ta' reklamar;

10. Servizzi ta' riċerka dwar is-swieq;

11. Servizzi ta' konsulenza dwar il-maniġment;

12. Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-maniġment;

13. Is-servizzi ta' ttestjar tekniku u ta' analiżi;

14. Servizzi ta' pariri u konsulenza relatati mal-minjieri;

15. Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika;

16. Servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni;

17. Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir, inkluż tagħmir tat-trasport;

18. Servizzi ambjentali.

(g) Is-suġġett tal-kuntratt ma għandux ikun "servizzi ta' allokazzjoni u forniment ta' persunal" kif definit f'CPC 872.

L-aċċess konċess skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu IV.4 huwa relatat biss mal-attività ta' servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt; ma jikkonferix intitolament għall-eżerċitar ta' titolu professjonali tal-Federazzjoni Russa.

Il-Federazzjoni Russa tista' tistabbilixxi kwota annwali ta' permessi tax-xogħol riżervati għal persuni naturali fl-Unjoni Ewropea li jiksbu aċċess għas-suq tas-servizzi tal-Federazzjoni Russa skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu IV.4. Fl-ewwel sena li fiha jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu IV.4, din il-kwota annwali ma għandhiex tkun inqas minn 16 000 persuna. Fis-snin ta' wara, il-kwota annwali ma għandhiex tkun inqas mill-kwota tas-sena ta' qabel.

IV.5. Mad-dħul fis-seħħ tar-riżultati tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali attwali fil-qasam tas-servizzi, il-Partijiet għandhom jirrevedu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu IV.4 bil-ħsieb tal-estensjoni tagħhom għal persuni li jaħdmu għal rashom u li huma fornituri kuntrattwali ta' servizzi.

V.1. Dan il-ftehim ma għandux japplika għal miżuri li jaffettwaw persuni naturali li jkunu qegħdin ifittxu aċċess għas-suq tax-xogħol ta' xi Parti, u lanqas ma għandu japplika għal miżuri fir-rigward taċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

V.2. Dan il-ftehim ma għandux iżomm lil xi Parti milli tapplika miżuri sabiex tirregola d-dħul ta' persuni naturali, jew iż-żjara temporanja tagħhom, fit-territorju tagħha, inklużi dawk il-miżuri neċessarji sabiex jipproteġu l-integrità, u sabiex jiżguraw il-moviment ordnat ta' persuni naturali bejn il-fruntieri tagħha, sakemm dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'manjiera li tannulla jew tfixkel il-benefiċċji akkumulati lill-Parti l-oħra skont il-paragrafi II, III u IV.

Fil-każ li l-Unjoni Ewropea tikkonferma l-qbil tagħha tat-termini stabbiliti f'din l-ittra, nipproponi li din l-ittra u l-ittra ta' tweġiba tal-Unjoni Ewropea għandhom jikkonstitwixxu l-Ftehim bejn il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea relatati maż-żamma ta' obbligi dwar il-kummerċ fis-servizzi li jinsabu fil-FSK. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw in-notifiki miktuba li jiċċertifikaw li huma lestew il-proċeduri interni rispettivi tagħhom. Dan il-Ftehim għandu jiġu applikat provviżorjament mid-data tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa fid-WTO.

Jekk jogħġobkom aċċettaw, Sinjuri, l-assigurazzjoni tal-ogħla konsiderazzjonijiet tiegħi,

Għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa

2. *Ittra mill-Unjoni Ewropea*

Ġinevra, 16 ta' Diċembru 2011

Għażiża Ministru,

Għandna l-unur ngħarrfuk li rċevejna l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tinqara kif ġej:

"Wara negozjati bejn il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-kummerċ fis-servizzi, il-Partijiet waslu għall-ftehim kif ġej:

I. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 51 tal-Ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Federazzjoni Russa, minn naħa waħda, u l-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-oħra, tal-24 ta' Ġunju 1994 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'l-FSK'), wara l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mal-Organizzazjoni Dinija tal-Kummerċ (WTO), l-Artikolu 35 u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 39, flimkien mal-Artikolu 30(h), tal-FSK se jkomplu japplikaw bejn il-Partijiet.

II. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 51 tal-FSK, wara l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mad-WTO, il-Partijiet għandhom jestendu l-benefiċċji tal-impenji tagħhom tal-GATS dwar trasferimenti intraazjendali ta' persuni li jiġu ttrasferiti għal preżenzi kummerċjali (kif definit f'dan il-paragrafu) minbarra uffiċċji rappreżentattivi fit-territorji rispettivi tagħhom lil kwalunkwe persuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 32 tal-FSK. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, il-kliem 'organizzazzjonijiet' użat fl-Artikolu 32 tal-FSK għandu jitqies li jkopri preżenza kummerċjali kif definit fl-Iskedi rispettivi tal-GATS tal-Partijiet.

III.1. Persuni ġuridiċi Russi trasferiti intraazjendalment lejn l-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom fl-Unjoni Ewropea għandhom jingħataw trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti mill-Unjoni Ewropea fi trasferimenti intraazjendali simili ta' kwalunkwe persuna ġuridika ta' pajjiż terz.

III.2. Trattament mogħti skont ftehimiet oħra barra l-FSK konklużi mill-Unjoni Ewropea ma' Stat terz li huma notifikati taħt l-Artikolu V tal-GATS jew li jibbenefikaw mill-kopertura tal-Lista tal-Unjoni Ewropea GATS tal-eżenzjonijiet tal-MFN għandhom ikunu esklużi mill-applikazzjoni tal-paragrafu III. 1. Trattament li ġej mill-armonizzazzjoni ta' regolamenti bbażati fuq ftehimiet konklużi mill-Unjoni Ewropea għar-rikonoxximent reċiproku skont l-Artikolu VII tal-GATS għandu wkoll jiġi eskluż mill-applikazzjoni tal-paragrafu III.1.

III.3. Trattament mogħti mill-Federazzjoni Russa għal persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea trasferiti intraazjendalment li jiġu trasferiti għall-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom fil-Federazzjoni Russa ma għandux ikun anqas favorevoli minn dak simili għal persuni trasferiti intraazjendalment mill-Unjoni Ewropea skont dan il-paragrafu. Il-Federazzjoni Russa tista' madankollu tillimita n-numru ta' tali persuni trasferiti intraazjendalment għal massimu ta' ħamsa għal kull uffiċċju rappreżentattiv (tnejn għall-banek).

IV.1. Għall-għanijiet tal-paragrafu IV:

(a) 'Konsumatur finali' ta' Parti hija persuna ġuridika, stabbilita skont il-leġiżlazzjoni ta' din il-parti fit-territorju tiegħu.

(b) 'Persuna naturali' li huwa ċittadin ta' Parti (fil-każ tal-Unjoni Ewropea, ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha) li jirrisjedi fit-territorju ta' din il-Parti, li temporanjament jidħol fil-Parti l-oħra bħala impjegat tal-fornitur ta' servizz kuntrattwali bil-għan ta' provvista ta' servizzi, kif previst mill-kuntratt li jipprovdi servizzi.

(c) 'Fornitur kuntrattwali' ta' servizz huwa persuna ġuridika ta' Parti waħda stabbilita skont il-leġiżlazzjoni ta' din il-Parti fit-territorju tagħha li ma għandha l-ebda preżenza kummerċjali fil-forma sussidjarja, ta' kumpanija dipendenti jew ta' fergħa kostitwiti fit-territorju tal-Parti l-oħra u li tkun ikkonkludiet kuntratt biex tipprovdi servizzi ma' konsumatur finali fil-Parti ta' dan tal-aħħar li teħtieġ il-preżenza fuq bażi temporanja ta' persuni naturali f'dik il-Parti sabiex tissodisfa l-kuntratt biex tipprovdi s-servizzi.

IV.2. It-trattament konċess mill-Unjoni Ewropea lil fornituri kuntrattwali ta' servizzi fil-Federazzjoni Russa ma għandux ikun inqas favorevoli minn dak mogħti lil fornituri kuntrattwali ta' servizzi ta' kwalunkwe pajjiż terz.

IV.3. Trattament mogħti skont ftehimiet oħra konklużi mill-Unjoni Ewropea ma' Stat terz li huma notifikati skont l-Artikolu V tal-GATS jew li jibbenefikaw mill-kopertura tal-Lista tal-Unjoni Ewropea GATS tal-eżenzjonijiet tal-MFN għandhom ikunu esklużi minn din id-dispożizzjoni. Trattament li ġej mill-armonizzazzjoni ta' regolamenti bbażati fuq ftehimiet konklużi mill-Unjoni Ewropea għar-rikonoxximent reċiproku skont l-Artikolu VII tal-GATS għandu wkoll jiġi eskluż mill-applikazzjoni ta' dan il-pargarfu.

IV.4. Il-Federazzjoni Russa għandha tippermetti l-provvista ta' servizzi fit-territorju tagħha minn fornituri kuntrattwali ta' servizz tal-Unjoni Ewropea permezz tal-preżenza ta' persuni naturali soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi:

(i) ġie konkluż direttament bejn il-fornitur kuntrattwali ta' servizz u l-konsumatur finali:

(ii) jeħtieġ il-preżenza temporanja fi ħdan it-territorju tal-Federazzjoni Russa ta' persuni naturali tal-Unjoni Ewropea biex ikun pprovdut is-servizz; u

(iii) huwa konformi mal-liġijiet, ir-regolamenti u r-rekwiżiti tal-Federazzjoni Russa.

(b) Id-dħul u ż-żjara temporanja ta' persuni naturali fil-Federazzjoni Russa skont is-sodisfar ta' dan il-kuntratt għandu jkun għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur suċċessivi fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar jew sakemm idum il-kuntratt, liema perjodu minnhom ikun l-inqas.

(c) Il-persuni naturali li jidħlu fil-Federazzjoni Russa għandu jkollhom:

(i) grad universitarju jew kwalifika teknika ekwivalenti li turi għarfien ta' livell ekwivalenti; u

(ii) kwalifiki professjonali fejn dan huwa meħtieġ biex tkun eżerċitata attività fis-settur ikkonċernat skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-ħtiġijiet tal-Federazzjoni Russa.

(d) Il-persuna naturali ma għandhiex tirċievi remunerazzjoni għall-provvista ta' servizzi għajr ir-remunerazzjoni mħallsa mill-fornitur kuntrattwali tas-servizzi matul iż-żjara tagħha fil-Federazzjoni Russa.

(e) Il-persuni naturali li jidħlu fil-Federazzjoni Russa għandhom ikunu ġew impjegati mill-fornitur kuntrattwali tas-servizzi għal mill-anqas sena qabel id-data meta tkun tressqet l-applikazzjoni għad-dħul fil-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, il-persuna naturali, fid-data meta tkun tressqet l-applikazzjoni għad-dħul fil-Federazzjoni Russa, għandu jkollha mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li hija s-suġġett tal-kuntratt.

(f) Il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi għandu jinkiseb f'wieħed minn dawn is-setturi ta' attività li huma inklużi u definiti fl-iskeda ta' impenji tal-GATS tal-Federazzjoni Russa:

1. Servizzi legali;
2. Servizzi tal-kontabbiltà u taż-żamma tal-kotba;
3. Servizzi tat-tassazzjoni;
4. Servizzi tal-arkitettura;
5. Servizzi tal-inġinerija;
6. Servizzi tal-Inġinerija integrata;
7. Servizzi tal-ippjanar urban u tal-arkitettura tal-pajsaġġ;
8. Is-servizzi tal-informatika u servizzi relatati;
9. Servizzi ta' reklamar;
10. Servizzi ta' riċerka dwar is-swieq;
11. Servizzi ta' konsulenza dwar il-maniġment;
12. Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-maniġment;
13. Is-servizzi ta' ttestjar tekniku u ta' analiżi;
14. Servizzi ta' pariri u konsulenza relatati mal-minjieri;
15. Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika;
16. Servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni;
17. Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir, inkluż tagħmir tat-trasport;
18. Servizzi ambjentali.

(g) Is-suġġett tal-kuntratt ma għandux ikun 'servizzi ta' allokazzjoni u forniment ta' persunal' kif definit f'CPC 872.

L-aċċess konċess skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu IV.4 huwa relatat biss mal-attività ta' servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt; ma jikkonferix intitolament għall-eżerċitar ta' titolu professjonali tal-Federazzjoni Russa.

Il-Federazzjoni Russa tista' tistabbilixxi kwota annwali ta' permessi tax-xogħol riżervati għal persuni naturali fl-Unjoni Ewropea li jiksbu aċċess għas-suq tas-servizzi tal-Federazzjoni Russa skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu IV.4. Fl-ewwel sena li fiha jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu IV.4, din il-kwota annwali ma għandhiex tkun inqas minn 16 000 persuna. Fis-snin ta' wara, il-kwota annwali ma għandhiex tkun inqas mill-kwota tas-sena ta' qabel.

IV.5. Mad-dħul fis-seħħ tar-riżultati tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali attwali fil-qasam tas-servizzi, il-Partijiet għandhom jirrevedu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu IV.4 bil-ħsieb tal-estensjoni tagħhom għal persuni li jaħdmu għal rashom u li huma fornituri kuntrattwali ta' servizzi.

V.1. Dan il-ftehim ma għandux japplika għal miżuri li jaffettwaw persuni naturali li jkunu qegħdin ifittxu aċċess għas-suq tax-xogħol ta' xi Parti, u lanqas ma għandu japplika għal miżuri fir-rigward taċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

V.2. Dan il-ftehim ma għandux iżomm lil xi Parti milli tapplika miżuri sabiex tirregola d-dħul ta' persuni naturali, jew iż-żjara temporanja tagħhom, fit-territorju tagħha, inklużi dawk il-miżuri neċessarji sabiex jipproteġu l-integrità, u sabiex jiżguraw il-moviment ordnat ta' persuni naturali bejn il-fruntieri tagħha, sakemm dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'manjiera li tannulla jew tfixkel il-benefiċċji akkumulati lill-Parti l-oħra skont il-paragrafi II, III u IV.

Fil-każ li l-Unjoni Ewropea tikkonferma l-qbil tagħha tat-termini stabbiliti f'din l-ittra, nipproponi li din l-ittra u l-ittra ta' tweġiba tal-Unjoni Ewropea għandhom jikkonstitwixxu l-Ftehim bejn il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea relatati maż-żamma ta' obbligi dwar il-kummerċ fis-servizzi li jinsabu fil-FSK. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw in-notifiki miktuba li jiċċertifikaw li huma lestew il-proċeduri interni rispettivi tagħhom. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament mid-data tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa fid-WTO.".

L-Unjoni Ewropea għandha l-unur tikkonferma l-qbil tagħha mal-kontenut ta' din l-ittra.

Jekk jogħġbok aċċetta, Sinjura, l-assigurazzjoni tal-ogħla konsiderazzjonijiet tagħna,

Għall-Unjoni Ewropea